**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Alfred Cappello

Vs

Enemalta plc

CCT 60/22/MM

Illum, 9 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fis-26 ta' April 2022 fejn talab is-somma ta' Euro 62.00 rappreżentanti telf ta' prodotti tal-*fridge* u l-friża li huwa sofra kawża tal-qtugħ tad-dawl minn nhar l-4 ta' Awwissu 2021 sal-5 ta' Awwissu 2021.

Illi l-intimata intavolat risposta fl-atti nhar il-25 ta' Mejju 2022 fejn filwaqt li talbet korrezzjoni fl-okkju, eċċeppiet illi t-talbiet tar-rikorrenti huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi għad-danni in kwistjoni l-Enemalta pls ma kellha l-ebda ħtija; illi ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap 536 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimata mhux responsabbli għad-danni, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-fatti tal-każ jirriżulta li l-ilment primarju tar-rikorrenti jirrigwarda l-fatt li proprju nhar il-4 ta' Awwissu 2021 inqagħtatlu l-provvista tad-dawl ġewwa dahru u dan għal madwar għoxrin (20) siegħa.

Illi huwa jisħaq li minkejja li kemm hu u kemm martu bħala żewġ persuni anzjani kienu soġġetti għall-skumdita' kbira tenut kont anki l-fatt li id-dawl inqagħta fl-għeqqel tas-sajf, huwa żamm it-talba tiegħu b'mod konservattiv għall-aħħar u qiegħed jitlob biss li jiġi rifuż ix-xirja li huwa kelli jarmi konsegwenza ta' dan il-qtugħ tad-dawl. Din hi komplessivament ammontanti għal Euro 62, b'dan illi fix-xhieda tiegħu r-rikorrenti jipprovdi *breakdown* ta' dawn l-ispejjeż.

Min-naħa l-oħra l-intimata ressqet lil Silvan Montesin bħala engineer u l-Manager tar-reġjun fi żmien l-akkadut. Huwa spjega li kien hemm diversi *high tension faults* ma' Malta kollha. Hu spjega li ġeneralment meta jkun hemm problema fil-*main cable* l-intimata tistrieħ fuq is-*secondary cable* li dakinhar ma felaħx għal-load. It-tiswija ħadet iżjed minn ġurnata u dan ma kienx fil-kontroll tagħhom li jiġi evitat.

Xehed ukoll Joseph Mallia li bħala rappreżentant tal-Customer team hu jgħid li wara li daħal ir-rapport mir-rikorrenti huma kienu ċemplulu jinfurmawh li kienu qegħdin jevalwaw il-każ tiegħu. Sussegwentement il-*claim* tiegħu kienet ġiet miċħuda minħabba li l-avveniment kien inevitabbli.

Ikkunsidra

Illi filwaqt li r-rikorrenti, indipendentement mill-kwantum tal-ammont reklamat jisħaq li huwa għandu jiġi kkumpensat tad-dannu li huwa sofra, l-intimata qegħda tibbaża ruħha fuq l-artiklu 8 tal-Kap 536 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan jipprovdi kif isegwi:

*'Operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni m'għandux ikun responsabbli għal xi telf jew ħsara, kemm materjali jew konsegwenzjali, lil xi persuna jew proprjeta', għat-twaqqif tal-forniment tal-enerġija, li jkun kawżat minn accident inevitabbli, tqagħbir bl-użu jew domanda żejda tal-elettriku kkawżat minn konnessjoni ta' apparati mhux awtorizzati, jew ħtiġiet raġonevoli tas-sistema tal-elettriku, jew difetti f'xi installazzjoni tal-elettriku mhux provduta mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.'*

Mix-xhieda jirrizulta li l-incident in kwistjoni ma setghax jigi evitat u ghalhekk tenut tal-artiklu 8 tal-Kap 536 it-talba ma tistax tintlaqgha.

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Konsiderazzjonijiet

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jichad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru